MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Numru 878/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Vella)**

**Vs**

Lanouar Bounab

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Lanouar Bounab numru ta’ karta ta’ identita’ 262797(M), akkuzat talli:

(a) fi Frar jew fix-xhur ta’ qabel tas-sena 2001, f’dawn il-gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, b’falsifikazzjoni ta’ firma;

(b) f’Ottubru tas-sena 2002 u fil-perjodu ta’ xhur ta’ qabel xjentement ghamel uzu minn passaport falz;

(c) f'Ottubru tas-sena 2002 u fil-perjodu ta' xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bla ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Yosef Bounab minorenni ta' hames snin, kontra l-volonta' tieghu ghal aktar minn ghoxrin gurnata;

(d) f'Ottubru tas-sena 2002 u fil-perjodu ta' xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bil-hsieb li jestorci xi haga jew bil-hsieb li gieghel lil Karen Bounab tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb u/jew tbiddel obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija ohra.

(e) Bejn Awissu 2002 u Ottubru 2002, meta kien ordnat mill-Qorti biex jaghti access lil ibnu Yosef Bounab ta' hames snin taht il-kustodja tieghu, irrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat l-artikolu mahruga mill-Avukat Generali li bihom baghat l-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti fin-nuqqas ta' oggezzjoni minn naha tieghu;

Rat l-kunsens tal-imputat biex il-kawza tigi trattata u tigi deciza minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda.
Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni li insista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Il-fatti fil-kawza huma ben definiti u jirrisultaw ben cari fl-atti.

Illum l-imputat ghazel li volontarjament u inkondizzjonatament jirregistra ammissjoni. Fil-verita' l-provi jirrispekkjaw u jaghtu aditu ghall-akkuzi skond u in bazi ghal artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali.

Tiddecidi ghalhekk wara li rat l-Artikoli 183, 184, 18, 86, 87, 250, 338(a),17 u 31 tal-Kap 9 u l-Artikolu 5 tal-Kap 61 li tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija. Wara li qieset ic-cirkostanzi qeghdha pero' tissospendi l-piena ta' prigunerija imposta billi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Kap 9 tordna li ma tigix fis-sehh sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija zmien sentejn mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu nascenti minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------